# HOLM TAL-MILIED

**Trevor Zahra**

**Ibbazat fuq il-ktieb "Holm tal-Milied" ta' l-istess awtur.**

-------------------------------------------------------------------

*<u>Jiehdu Sehem:</u>*

LELI (tifel ta' 7 snin)
LIZA/BETTI (tifla ta' xi 9 snin)
Sor Amelja
OMM LELI
MISSIER LELI
TABIB
Ners
In-NANNA Frangiska
Iz-ziju MIKIEL
Iz-zija Mari
Iz-zija Censa
Ix-xiha (Mananni)
Ix-xih (Rozu)
NARRATUR-1
NARRATUR-2
Tliet Daqqaqa
PASTURI (fosthom San Frangisk)
Diversi Tfal

-------------------------------------------------------------------

## XENA – 1

NARRATUR-1 Kien hemm hafna ragunijiet l-ghaliex LELI kien ferhan se jtir: l-ewwelnett kien qed joqrob il-Milied.

NARRATUR-2 Lejlet il-Milied, preciz mat-twelid tal-Bambin, LELI kien jaghlaq sninu. F'gheluq sninu LELI kien dejjem jaqla' hafna rigali.

NARRATUR-1 Imma mhux hekk biss. Dis-sena l-kappillan kien ghazel propju lilu biex jaghmel il-priedka tal-Milied. LELI ga kien kwazi tghallimha kolha bl-amment.

NARRATUR-2 In-nanna Frangiska kienet thobb tisimghu jipprattikaha.

-------------------------------------------------------------------

## XENA – 2

***Spot fuq LELI u n-NANNA***

LELI *Gloria in excelsis Deo et in terra pax ominibus…* Glorja 'l Alla fl-oghla tas-smewwiet u paci fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba; hekk habbru l-angli f'dak il-lejl qaddis u hekk qed inhabbrilkom illum wara elfejn sena. Ifirhu huti ghax illum, wara elfejn sena… ghax illum wara elfejn sena…
Qattus il-mniefah, f'dil-bicca dejjem qed niehu zball.

NANNA Tibzax Lel, fadallek hin titghallimha, tibzax. Ghall-Milied ghad baqa' bicca sewwa… *(thares fil-vojt titkellem wahidha)* Ghad baqa' bicca sewwa ghall-Milied… ghall-Milied. Min jaf x'se jerga' jgibilna mieghu? Min jaf?

LELI Nann, l-ghaliex inti dejjem tibza' mill-Milied?

NANNA Lel ghandek tkun taf li Nibza' mill-Milied? Lel, ruhi, il-Milied wahda mill-isbah festi tad-dinja. It-twelid tal-Messija. Imma lilna l-Milied hallielna warajh tifkiriet koroh. Ommi mietet lejlet il-Milied. Dik il-habta jien kont ga mizzewga… u jien u n-nannu Guzepp konna ilna hafna snin imsefrin l-Algier. Miskina, mietet bla ma lhaqt rajtha. Imbaghad konna gejna lura Malta. Imma kull sena l-Milied baqa' jgibilna xi dizgrazzja. Ftit qabel il-Milied iz-ziju Gorg kiser siequ u ghadu sal-lum izappap. Imbaghad iz-ziju Mikiel u z-zija Mari kien se jkollhom tarbija u tilfuha, ftit jiem qabel il-Milied. U tfal aktar baqa' ma kellhomx.

LELI U n-nannu Guzepp…?

NANNA Iva. In-nannu Guzepp miet ukoll lejlet il-Milied. Kien il-kazin qed jiehu grokk ma' shabu. Hassu hazin u gabuhuli hawn mejjet. Kif qatt tridni nifrah f'festa bhal din mimlija tifkiriet suwed?

***Jintfew l-ispots fuq LELI u n-NANNA. Jitilqu***.

---

## XENA – 3

NARRATUR-1 U fid-dwejra tan-NANNA Frangiska, il-Milied kien jigi u jmur bla ma biss jixghel l-icken dawl ta' xemgha.

***KANUNETTA – 1*** *(Greensleves)*

Ghall-kenn tad-djar, hemm Bambnini zghar
Fuq il-qamh leqqien, qalb id-dwal u lwien;
Hemm salt tizjin, fit-triqat beltin
Sigar kbar donnhom waqghu mis-sema.

Izd' hawn jghammar biss is-skiet
M'hawnx hoss t'innijiet,
M'hawnx post gall-Milied;
Hawn biss hafna dmugh migbur
Tifkiriet ta' grajjiet imghoddija.

Mill-boghod gejjin vucijiet helwin,
Ikantaw l-ghanjiet li jgib kull Milied;
U b'kor sabih jghanni l-hoss tar-rih
Qieghed jaghti xewqat t'hena w sliema.

Izd' hawn jghammar biss is-skiet
M'hawn xhoss t'innijiet.. ecc

---------------------------------------------

## XENA – 4

***Jitfaccaw LIZA u SorAmelja. LIZA ferhana.***

LIZA — Sor Amelja… meta se nibdew narmawh il-presepju?

SORU — Ghada LIZA. Ghada nibdewh.

LIZA — U thallini nigi nghinkom? Noqghod innewlilkom il-pasturi.

SORU — U mela le, LIZA. U rridu nibdew inzejnu l-kappella wkoll.

LIZA — Hux x'gost! Imxi nibdew nohorgu l-pasturi u nfarfruhom. Min jaf kemm trab ghandhom wara sena shiha.

SORU — Kollox sew Liz, kollox sew. Imma kkalma ftit. Ma tmurx tkisser xi pastur. Ftakar li dawk antiki hafna.

------------------------------------------------------------

## XENA – 5

NARRATUR-1 Fl-istess rahal fejn kien joqghod LELI, tefgha ta' gebla 'l boghod mid-dar tan-nanna Frangiska, kien hemm istitut tas-sorijiet.

NARRATUR-2 Kienu jrabbu t-tfal orfni. U wahda mill-aktar tfal ferrieha ta' l-istitut kienet LIZA.

***Titfacca LIZA. Statika.***

NARRATUR-1 Fil-Milied LIZA kienet tkun fis-seba' sema.

NARRATUR-2 Ghax fl-istitut kienu jarmaw presepju kbir ghall-wiri. Presepju kollu pasturi sbieh u kbar, antiki hafna.

NARRATUR-1 Kienu jarmaw ukoll il-kappella kollha narcis u frieghi tal-prinjoli.

NARRATUR-2 It-tfal ta' l-istitut kien ikollhom hafna parties.

***Jitfaccaw tlitt itfal bil-kpiepel tal-karti f'rashom. Imorru hdejn LIZA.***

NARRATUR-1 Kienu jaqilghu hafna rigali

NARRATUR-2 Mhux ta' b'xejn LIZA kienet tkun fis-seba' sema.

NARRATUR-1 Izda mhux kollox kien ward u zahar ghal LIZA. Gol-fond ta' qalbha LIZA kellha xewqa kbira.

NARRATUR-2 Hafna tfal kienu sabu lil min jadottahom. Lil min jaghtihom familja. Lil min joffrilhom imhabbtu kollha u jkun ghalihom omm u missier.

***Johorgu tliet koppji, jaqbdu id it-tlitt itfal ta' hdejn LIZA u jidhlu 'l gewwa maghom. LIZA tibqa' wahidha. Wara ftit tohrog Sor Amelja u ddahhal 'l gewwa.***

NARRATUR-1 Izda hi le. Issa hi kienet kibret wisq. Kellha biss lil Sor Amelja.

---

## XENA – 6 *(Fl-Isptar)*

***LELI gos-sodda. Madwaru ommu u missieru. Ommu tixxuttalu l-gharaq minn fuq mohhu. Jidhlu t-tabib u n-ners. Il-MISSIER iqum jigri u jersaq fuq it-tabib.***

MISSIER X'tahseb dott? Kif tarah?

TABIB Ma nafx…

MISSIER *(ecitat u b'lehen ftit gholi)* Kif ma tafx??

TABIB Ixx bil-mod Louis. Ahjar ma nhallux lil Rozina tismaghna.

MISSIER Mela x'ahbar ghandek? Xi haga serja?

TABIB Ghal issa ghadu kmieni wisq biex nitkellmu fic-cert. Ghalhekk dahhalnieh l-isptar biex inkunu nistghu nosservawh mill-qrib u nkunu nistgu naghmlulu t-testijiet mehtieg. Li nist' nghidlek huwa li l-*Hodgski's Disease* mhix marda tac-cajt.

***Freeze Xena ta' l-Isptar.***

---------------------------------------------------------------

**XENA – 7**

***Jidhlu n-NANNA Frangiska, Sor Amelja u LIZA.***

NANNA Kien ferhan tant, jahasra, li se jaghmel il-priedka. Issa hemm… go qiegh ta' sodda l-isptar.

SORU Nitolbu ghalih, Frangiska. Il-Bambin mhux se jinsieh. Il-priedka jaghmilha… issa tara.

LIZA Qatt ma rajtu lil LELI. Imma qisni diga' nafu. Qed noffri hafna talb ghall-bzonnijiet tieghu. U zgur se jfiq.

NANNA Minn fommok 'l Alla, hanini. Imma jien naf il-Milied x'ghandu lest ghalina. Fil-Milied tahulna u fil-Milied se johodhulna. *(tinfexx tibki).*

SORU Le, tghidx hekk Frangiska.

LIZA Dan l-ahhar spiss qed nohlom bil-pasturi tal-presepju taghna, li armajna ftit ilu. Holm stramb… u fih dejjem ikun hemm tifel jismu LELI. Tifel li nisthajlu hija. U ghalhekk nemmen li LELI se jfiq.

SORU Ara, imxu naghmlu ftit mumenti quddiem Gesu Sagramentat. Bhal issa LELI ghandu bzonn hafna talb.

------------------------------------------------------------------

## XENA – 8

***Fl-Isptar. LELI rieqed.***

***KANZUNETTA-2***

*(God Rest Ye Merry Gentlemen)*

’Il boghod ’il boghod hemm dwejra
Mimlija bil-Milied,
Fejn zewgt ixjuh b’qalb twajba
Qed jistennew fis-skiet,

Qed jistennew lit-tfajjel li huma qatt ma raw,
Ha jgibilhom hafn’hena w hafna ferh
Tul il-Milied,
Ha jgibilhom hafna ferh tul il-Milied.

Gib idek w ejja maghna,
Ha tinsa kull ugigh,
Ghalik hemm qed jistenna
Vjagg kbir lejn zmien sabih.

Hawn maghna f’dal-presepju, il-ferh qatt ma jintemm
Mal-merhliet tan-naghgiet u qalb l-gherien,
Hena bla tmiem,
F’dal-presepju se ssib hena bla tmiem.

---------------------------------------------

***Waqt il-kanzunetta jibdew hergin il-PASTURi u jiffurmaw il-presepju fl-isptar. Maghhom hemm San Frangisk.***
***Ma’ tmiem il-Kanzunetta l-pasturi jibdew isejhulu.***

S.FRANGISK LELI, LELI…

PASTUR-1 LELI, fiitex qum.

PASTUR-2 Ejja, imxi maghna.

LELI X’gara? Xi tridu? Min qed isejjahli? *(iqum u jersaq lejja)*

S.FRANGISK Hemm xi hadd qieghed jistenniek. Ilu hafna jixtieq jarak.

LELI Fejn se tohduni?

S.FRANGISK Se tiltaqa’ ma’ tnejn min-nies li jhobbuk hafna. Malli tarahom ghidulhom biss: “Baghatni San Frangisk!”

PASTUR-3 Isa Lel, tibzax. Ahna lkoll se nkunu mieghek. Se nkunu ghassa biex ma tigrilek l-ebda hsara.

***PASTURi jzommulu jdejh u jduru cirku madwaru. LELI ma jibqax jidher ghax jispicca mohbi go nofshom. San Frangisk iwarrab.***
***Sadattant johrog ix-XIH, bil-qieghed fuq banketta, hdejn mejda, qieghed jaghgen ftit tafal.***

---

## XENA – 9 – *GHAND IX-XJUH*

XIH *(ikellem lic-cappa tafal li jkollu quddiemu)* Dalwaqt, tibzax, dalwaqt nohorgok minn gol-mohba, Mela x'inhu. Go din il-bicca tafal ratba hawn sigriet. Hawn mohbi raghaj bil-harufa fuq dahru, jew mara bil-garra fuq rasha. U jien bis-sabar kollu nifthilhom il-bieb tal-mohba biex jibdew jiehdu l-hajja.
Araw, araw kemm ghandi pasturi helwin.

***Jersaq lejn il-grupp ta' tfal/pasturi li jkunu ghadhom cirku madwar LELI. Waqt li jitkellem jibda jmisshom u dawn jiccalqu, jiehdu l-puzizzjoni ta' pastur u jiffrizaw.***

XIH Ara din il-mara tal-garra. U dan ir-raghaj. U dan wiehed mill-angli. U dan id-daqqaq tat-tanbur. Xi darba kollha kienu bicca tafal bla sura. Imma bil-mod il-mod u bis-sabar tajthom il-hajja.

***Jitfacca LELI go nofshom.***

LELI Hawn fejn jien?

XIH *(jinhasad)* X'wahda din! Int min int? Mnejn gejt?

LELI Ma nafx. Ma nafx x'gara? Forsi qed nohlom.

XIH Le hej; jekk int qed tohlom jien zgur minix.

LELI Naf li sa ftit ilu kont l-isptar wicci 'l fuq fuq is-sodda. Kont mugugh hafna. Imma mbaghad ghajnejja waqghu fuq il-presepju li hemm fil-kuritur ta' l-isptar u bla ma naf kif sibt ruhi go fih…

XIH Gol-presepju?

LELI — Gol-presepju. U issa l-pasturi gabuni hawn. Iva, issa qed niftakar. Mal-pasturi kien hemm wiehed patri u qalli: Ghidilhom, "Baghatni San Frangisk!"

***XIH jiskanta. Jinfixel. Isejjah lix-XIHA***

XIH — Mananni… Manann… ersaq nitfa' lil hawn. Haffef

***Tidhol ix-XIHA thawwad skutella kbira f'idha.***

XIHA — X'gara? X'inqala'? *(tintebah b'LELI. Tigbed lix-XIH fil-genb u minn taht l-ilsien tghidlu)* Dak min inhu?

XIH — Ma nafx. Tfacca minn hemm…

XIHA — Minn gol-presepju? *(XIH jaghmlilha sinjal ta' "Iva")* Kemm hu helu. *(lil LELI)* Ersaq lil hawn tfajjel. Inti x'jismek?

LELI — LELI.

XIH — U qal li baghtu San Frangisk.

XIHA — *(Taqbadlu idu u tmellislu rasu. Donnha mitlufa f'holma)* Baghtu San Frangisk. LELI. *(tigi f'taghha u tindirizza lix-XIH)* Jahasra min jaf xi jhoss bard b'dik il-pigama biss fuqu.

XIH — Tghid nippruvaw illibbsuh xi haga minn tieghi?

XIHA — U jigi qisu l-Hajbu. Issa nara nsiblux xi haga jien.

LELI — Illum x'inhu?

XIH — Heqq… illum lejlet il-Milied. Issa niehdok mieghi sal-wied naqtghu ftit narcis ghal quddiem il-Bambin.

XIHA — U sa ma tigu lura, il-kaghak ta' l-ghasel ikunu saru. Indewwaqhomlok.

XIH — U lili dewwaqni grokk gnibru ghall-bard.

XIHA — Gnibru jonqsok biex ikompli jitlaghlek ghal rasek. Ejja, ghax dan ruhi qalbi min jaf xi jhoss bard.

***JITILQU***

--------------------------------------------------------------------------------------

## XENA – 10

***Jitfaccaw BETTI u z-ZIJA.***
***BETTI hija l-istess tifla li tahdem il-parti ta' LIZA, imma bi lbies antik u b'maktur ma' rasha.***

ZIJA Toghodx tigri zzejjed. Ftakar li fil-wied ikun hawn hafna tixrib u zliq.

BETTI Kollox sew zi.

ZIJA Ara jiena se mmur naqta' l-fjuri min-naha l-ohra. Stennieni hawnhekk.

BETTI Tajjeb. Nistenniek hawnhekk.

***ZIJA titlaq. Jidhlu LELI u x-XIH***

XIH Ara BETTI! Kif thossok illum Bett?

BETTI Insomma… mhux hazin.

XIH Wahdek?

BETTI Le, iz-zija Censa maret lejn in-naha tas-sies. Imma jien ma niflahx nitla' s'hemm fuq.

XIH *(lil LELI)* Lel, din BETTI. *(lil BETTI)* U dan LELI. Ara Lel, oqghod ftit hawn hdejn BETTI sa ma nara nsibx ftit narcis. Minix se ndum.

***XIH jitlaq.***

LELI Jaqaw thossok xi ftit ma tiflahx?

BETTI Jien dejjem ma niflahx.

LELI Allura ghax ma tmurx ghand it-tabib?

BETTI Darba z-zija haditni ghand it-tabib. Ma nafx sewwa sew x'kien qalilha. Naf biss li kienet bkiet hafna meta morna d-dar, avolja ppruvat ma thallinix ninduna. Niftakru jghidilha li ghandi bzonn hafna kura u sustanzi. Imma ahna fqar hafna. Iz-zija u jien inbighu l-fjuri u l-kappar, tursin, krafes, bebbux… insomma, kull ma jigi ghal idejna. Kemm kemm indabbruha.

LELI U ommok u misierek?

BETTI Lil missieri ma nafux u ommi mietet meta kelli xi erba' snin. Bil-kemm niftakarha. L-aktar li niftakar il-funeral. Rabbietni z-zija Cens.

ZIJA *(minn gewwa)* BETTI. Bett, sar il-hin.

BETTI Imxi ha llaqqghek maz-zija Censa.

LELI Stenna ftit. Hawn Bett, ha. *(inehhi kantina tal-fidda bil-pendent li jkollu m' ghonqu u jaghtihielha).*

BETTI Dik x'inhi?

LELI Rigal ckejken ghalik. Rigal tal-Milied.

BETTI Ghalija?!! Fil-Milied qatt ma qlajt rigali.

ZIJA *(minn gewwa)* BETTI!

LELI Imxi hdejn iz-zija.

***Jitilqu.***

---

## XENA – 11

***Min-nofs l-Udjenza jidhlu tliet daqqaqa.***

DAQQAQ-1 Hej Rozu! Inti gej jew m'intix?

DAQQAQ-2 Ilbislu sewwa ghax il-kesha l-lejla.

DAQQAQ-3 Ejja Roz, ha nuruhom kemm ghadna tajbin.

***Jitfaccaw LELI, ix-XIH u x-XIHA.***
***Ix-XIH biz-zaqq taht aptu.***

XIHA Issa inti wkoll baqaghlek zmien??

XIH Jekk lejlet il-Milied ma nohrogx indoqq ma' shabi, il-Milied ikun qisu gie ghalxejn. *(lil LELI)* U dis-sena se jkolli lil LELI mieghi. Xi tghid Lel?

XIHA *(Lix-XIH)* Ara qis li tiehu hsiebu sewwa. *(lil LELI)* U inti ruhi, oqghodlu attent li ma jihux xi zewg grokkijiet zejda. Skumnikat li hu, zaqqieq wisq ghall-gnibru.

LELI Tihux hsieb nann.

DAQQAQ-1 Rozu… mela l-Hanina ma tridx thallik tohrog dis-sena?

XIH U gej… minuta.

***XIHA tirranga x-xalla m'ghonq LELI***.

XIHA Morru, morru. *(lil LELI minn taht l-ilsien).* Issa tara kemm jaf idoqqha z-zaqq. M'hawn hadd jinqala' daqsu. *(B'lehen gholi)* Issa la tigi ssib l-ixkumvat lest u skutella koktina taqsamlek qalbek.

XIH Tlaqna.

***JIDHLU 'L GEWWA***
***Johrogu tfal bil-fanali u jinzlu qalb l-udjenza. Waqt li titkanta l-kanzunetta, il-palk ikun jista' jintrama ghaxxena ta' l-isptar.***

***KANZUNETTA -3***

Ninu, Ninu tal-Milied,
Ommi ghamlet il-qaghqiet
Il-qaghqiet mimlija bil-benna
Kulhadd lilhom qed jistenna
Isa, Ma fittex aghtina,
Bicca torta w bicca pudina.

Ninu, Ninu tal-Milied,
X'kesha niezla mis-smewwiet
Izda ahna xejn ma jbezzaghna
Nsibu l-hena fid-daqq u fl-ghana
Ha nwasslulkom l-isbah xewqat
Tar-rahal kollu nduru t-triqat.

Ninu, Ninu tal-Milied,
Gejja l-merhla tan-naghgiet
Kulhadd jghaggel u jimbotta
Halli jasal sa gol-grotta,
Fejn hemm tfajjel sbejjah daqs fjura
Qed ininni gol-maxtura.

Ninu, Ninu tal-Milied,
Imxu maghna nghannu l-ghanjiet
L-angli nizlu bil-fanali
Gew il-Magi bir-rigali,
Hemm il-kewkba tistenniena
Hdejn tarbija gol-benniena.

***Tkompli l-muzika mat-tfal iduru mas-sala u johorgu 'l barra.***

-------------------------------------------------------------------------------------------

## XENA – 12 – Fl-Isptar

***LELI gos-sodda. Madwaru hemm Ners, in-NANNA Frangiska, ommu, missieru, iz-zijuMikiel u z-zija Mari'.***

NANNA Lel… kif thossok?

OMM Il-katina li kellu f'ghonqu ma nafx x'sar minnha.

NANNA Forsi kontu nehhejtuhielu qabel gibtuh hawnhekk…

OMM Le, zgur f'ghonqu kienet.

LELI *(bi tbatija)* Le Ma, tajtha lil BETTI.

Ners Toqghodx tistrapazza ruhek biex titkellem.

LELI Il-pasturi nann… il-pasturi haduni ghand ix-xjuh… u jien u x-xih morna sal-wied… iltqajt ma' BETTI… fqira hafna BETTI, nann…

MISSIER *(liz-ziju MIKIEL)* Bid-deni qed jhewden. *(iwararb fil-genb u MIKIEL imur hdejh).*

MIKIEL Nibqghu nittamaw, Louis. Nibqghu nittamaw.

MISSIER Ma nafx, MIKIEL. It-tobba qatghulna qalbna ghal kollox.

MIKIEL Imma fuq it-tobba hemm xi hadd li huwa bil-wisq aqwa.

MISSIER Tihux ghalik MIKIEL, imma nhossni nghir ghalik. Irringrazzja 'l Alla li baqa' ma takomx tfal. Ahjar hekk… ahjar hekk milli jkollok l-ulied u ggarrab dan kollu.

MIKIEL Le, le, tghidx hekk, Louis. Tghidx hekk. Jien naghdrek u nifhemk, imma ma nista' qatt nahsibha bhalek. Anzi jien

nghid bil-maqlub. LELI marid u forsi… forsi l-Bambin iridu ghalih, imma Louis, oqghod fuq kliemi, ahjar ikollok iben u l-Bambin joghgbu johodhulek milli qatt ma jkollox xejn; milli qatt ma tkun smajt lil min isejjahlek "Pa". Louis… forsi jien ma nistax nifhem bizzejjed, bhal issa inti minn xiex tinsab ghaddej, imma anki jekk il-Bambin jiehdu, izzihajr 'l Alla li kellek iben u gawdejtu ghal seba' snin… habbek u habbejtu. Izzihajr 'l Alla, Louis…

LELI U hrigna nkantaw flimkien… mat-triqat.. ghad-dawl tal-fanali. Imma BETTI… BETTI marida hafna, nann. U hadd ma jista' jghinha….

***Dlam***

***Jergghu jitfaccaw il-PASTURi. Jibqa' biss LELI gos-sodda. Matul il-kanzunetta li gejja, LELI jqum u jinghaqad maghhom.***

***KANZUNETTA – 4***

*(Pastorali Maltija)*

PASTURi ahna lkoll
Tul sena shiha rieqda dejjem nistennew,
Li jasal zmien il-Milied
Biex fis-skiet nitfaccaw
U lit-tfajjel naraw!

Id-dlam ninsew malajr
Gewwa l-presepju nsibu l-hena tant mixtieq
Kull min ihossu maghdur
Jew mahqur tul it-triq
Mill-mard kiefer ifiq.

-- Muzika --

Il-hrief u n-nghag reqdin
Hemm fuq l-gholjiet, wahidhom f'lejl ta' bard u ksieh
Izda hemm xi hadd jindokr'hom
U jarahom b'seb'ghajnejn
Biex ma jigrilhom xejn.

------------------------------------------------------------------------------------------

## XENA – 13 -- *Ghand ix-Xjuh*

***Tidhol ix-XIHA. Kif tilmah lil LELI ticcassa.***

XIHA Rega' gie! Rega' gie jarana!

LELI Fejn hu n-nannu?

XIHA Heqq… fejn tahseb li qieghed? Hareg idoqq ma' shabu. Jien ghidtlu li qalbi qed tehbirni li inti se terga' tigi tarana bhas-sena l-ohra. Ghall-ewwel thajjar joqghod jistenniek ftit, imma mbaghad gew shabu ghalih….

LELI X'inti tghid nann… jien <u>ftit ilu</u> kont hawn maghkom.

XIHA Ftit ilu? Dak kien is-sena l-ohra. Tassew li mohhi sar zurzieqa imma ghadni ma zmagajtx daqshekk. Dak kien sena ilu. Insejt? Kien hadet sal-wied u kontu hrigtu tkantaw.

LELI Sena ilu!! Kif inti BETTI?

XIHA BETTI miskina m'ghadhiex tohrog.

LELI Ghaliex? Xi gralha?

XIHA Miskina; dik it-tifla sa minn tarbija kienet marradija. Issa tghidx kif saret! Inxtehtet f'qiegh ta' sodda.

***Jidhol ix-XIH***

XIH Ara x'kull wahda. *(lix-XIHA)* Mela sewwa hsibna. Il-Milied it-tajjeb, Lel. Jahasra li kieku gejt ftit qabel kont tohrog mieghi. Tghidx kemm capcpluna meta konna fuq iz-zuntier.

XIHA U l-gnibru?

XIH *(serju)* Tajtek kelma ta' ragel li gnibru ma nixrobx.

XIHA Hekk… m'hawnx ghalik.

XIH *(lil LELI minn taht)* Imma xrobt il-maskta.

LELI Irridkom tehduni hdejn BETTI.

XIHA Kollox sew. Ghada malli jisbah nehduk taraha.

XIH Anzi nehdulhom xi haga ta' l-ikel maghna.

XIHA Iva, nehdulhom it-torta u l-patata l-forn.

XIH Imxi ha nurik il-pasturi l-godda li gahmilt.

*Palk jitbattal.*

-----------------------------------------------------------------------------------------

## XENA – 14 – Fl-Isptar

***TABIB ikellem lil missier LELI***

TABIB — Issa jehtieg trabbu ftit tal-kuragg. Ahna ghamilna dak kollu li stajna naghmlu; imma ma rridx noqghod nittamakom ghalxejn.

***MISSIER bil-maktur ma' halqu, jaghmel sinjal li qed jifhem*.**

TABIB — Inhallu kollox f'idejn il-Bambin; imma ahjar tkunu ppreparati. Jaf igebbed tlitt ijiem ohra… jew gimgha, min jaf? Imma, rabbi l-kuragg Louis biex tkun tista' tieqaf ma' Rozina u ma' l-ohrajn kollha. Issa nahseb ahjar immorru ftit hdejhom.

-----------------------------------------------------------------------------------------

## XENA – 15

***Jidhlu t-tfal bil-fanali. "Humming" ta' "Away in a Manger" waqt li n-narraturi jghidu:***

NARRATUR-1 — Il-marda ta' LELI issa kienet dahlet 'il gewwa. Kulhadd qata' qalbu ghal kollox.

NARRATUR-2 — In-NANNA Frangiska issa kienet certa li l-Milied kien se jzidilhom tragedja ohra mad-dizgrazzji kollha ta' l-imghoddi: x'aktarx l-aghar wahda fost il-lista kollha.

NARRATUR-1 — U LELI baqa' dejjem mitluf minn sensih. U meta jitkellem kien dejjem isemmi l-pasturi, lix-XIH u x-XIHA u fuq kollox… lil BETTI.

NARRATUR-2 — U f'daqqa wahad LELI rega' sab ruhu fid-dar tax-xjuh. Imma did-darba kollox kien sieket. Id-dar kienet fid-dalma. Lemah biss dawl gej mill-kamra tas-sodda tax-xjuh. U hemm… fuq is-sodda jilmah lix-xiha tonfoh b'nifisha maqtugh u x-xih bilqieghda hdejha.

-----------------------------------------------------------------------------------------

## XENA – 16

***XIHA gos-sodda. Ix-XIH hdejha. Jidhol LELI.***

XIHA — Ibni… wasalt? Wasalt? *(XIH jinhasad; idur u jintebah b'LELI)* M'ghidtlekx li dis-sena se jigi wkoll jarana?

LELI — X'ghandek nann? Ma tiflahx?

XIH — *(minn taht l-ilsien)* Gimgha ilu tatha taqliba. Gibtilha t-tabib u malli raha kemmex xofftejh. Fi zmien gimgha marret il-bahar. Il-lejla qabadha qtigh ta' nifs qawwi u ergajt sejjaht it-tabib. Mill-ewwel orndnalha l-Grizma. Qarbinnieha siegha ilu.

LELI — Nann, il-Milied ghadda diga'?

XIH — Illum lejlet il-Milied ibni. Tiftakar… is-sena l-ohra konna morna kilna ghand BETTI.

LELI — Kif inhi BETTI?

XIH — BETTI mietet xahrejn ilu. Qabel mietet qaltilna biex insellulha ghalik. Qaltilna: "Ghidulu ma jhabbilx rasu,
Ghad nergghu niltaqghu." Il-katina li kont tajtha baqghet dejjem izzommha f'ghonqha.

XIHA — Ibni, ersaq 'l hawn. *(Lix-XIH)* Gib lapes u karta. Irridu jiktibli ittra lil Cika.

XIH — Mela nsejt kemm qallek it-tabib biex ma tithabatx? Issa lil Cikka niktbilha jien.

XIHA — Le, giblu lapes u karta. *(lil LELI)* Binti Cikka msiefra. Qieghda ma' zewgha l-Algier. Lil uliedha qatt ma rajthom. Ma nafhomx. Iktibli li se nghidlek…

***Muzika. Waqt il-muzika ix-XIHA tiddetta l-ittra. Meta jlestu LELI jitwiha u jaghtiha lix-XIH.***

XIHA — Issa qed nifhem kollox. Il-Bambin habbna aktar milli jisthoqqilna. Ibni, jien se mmut minflokok. Inti se tghix, issa tara. Imma ghidilhom lil tad-dar. Ghidilha lil binti. Il-Bambin qed jghidilkom: "Ninnu u la tibkux izjed. La tibkux izjed!" Hemm ara, qed narah. Kemm hu sabih dal-presepju. Dan isbah minn tieghek Roz.

***Muzika – Blackout***

---

## XENA – 17

***Waqt il-kliem tan-NARRATURi tibda tintrama x-xena tal-festa, bil-mejda, siggijiet, platti, ikel, frott..ecc.***

NARRATUR-1 Fl-isptar qamet tahbila wahda. Kulhadd jiffolla hdejn is-sodda ta' LELI biex jara b'ghanjeh stess.

NARRATUR-2 Jara lil dan it-tfajjel li kulhadd kien diga' qed jghoddu b'mejjet; jarah qawwi u shih, ferhan u b'wiccu jtajjar in-nar.

NARRATUR-1 Jisma' minn fommu l-holm stramb tieghu ta' kif tliet Milidijiet wara xulxin mar fi zmien iehor u ltaqa' max-Xjuh.

NARRATUR-2 Holm stramb. Imma tghid kien biss *holm*?

---

## XENA – 18

***In-NANNA Frangiska, MISSIER, OMM, LELI, iz-ziju MIKIEL, iz-zija Mari, it-TABIB.***

MISSIER Duru mal-mejda. Poggu. Kulhadd sab post?

OMM Haffu, ghax id-dundjan ghandu seba' mitt sena sa ma jiltaqa' maghkom.

NANNA Lel, ejja poggi hawn hdejja.

ZIJU U l-inbid? L-inbid Rozina? Ikla tal-Milied minghajr inbid?

MISSIER Il-mniefah! Insejna nixtru l-inbid.

ZIJU *(Taparsi se jqum u jitlaq)* Le hej, mela jien se mmur niekol xi mkien iehor.

TABIB MIKIEL ghandu ragun. Imma ara x'gara, b'kumbinazzjoni sibt dawn fil-but. *(Johrog 2 fliexken inbid imgezwrin)*

ZIJU M'hawnx ghalih id-dott. Isma'… dawn mhumiex xi medicina hux?

ZIJA *(liz-ziju)*Ara ma taghmillix xi bicca tafx.  Ghax dan ghall-inbid taqaghlu zaqqu.  Tazza ma' l-ikel u daqshekk.

ZIJU Dazgur.  Tazza daqshekk!  *(juriha b'idu l-qies ta' tazza kbira).*

NANNA Uliedi, ilna s-snin ma nkunu hekk, migburin madwar mejda wahda nhar il-Milied.  Din tal-lum hija l-bidu ta' pagna gdida fil-grajjiet taghna.  U kollu bis-sahha ta' LELI.

***Kulhadd icapcap.***

NANNA Jiena hsibt hafna fuq dak kollu li qalilna LELI u  ghiduli belha, ghiduli xiha zmagata, imma jiena certa li kull ma rrakkontalna LELI ma kienx biss holm.  X'kien ma nafx nghidilkom, imma holm ma kienx zgur.  U daqt taraw ghandix ragun.  Imma l-ewwel irrid inkellimkom ftit fuq ommi u missieri.  Kif xi whud minnkom diga jafu, ommi u missieru kienu Ghawdxin.  Malli zzewgu nizlu jghixu Malta. ghax missieri kien sab xoghol fil-bini tal-baciri l-godda tat-tarzna.  U baqghu hawn.  Ommi damet bicca sewwa bla tfal u qabel ma kellha lili kienet talbet hafna lil San Frangisk.  Kienet devota wisq tieghu.  Imma miskina, minni ftit sabet wens, ghax kif tafu intom, ftit wara li zzewwigna, jiena u Guzepp tlaqna lejn l-Algier.  U ommi u missieri baqghu wahidhom qishom zewgt erwieh.

LELI *(mitluf donnu f'holma)*  Wahidhom.  Hi ssajjar il-kaghak ta' l-ghasel u hu go l-ghorfa jaghmel il-pastruri.

NANNA Missieri kellu biss haga wahda ghal qalbu:  il-Milied.  Niftakru s-sena kollha wahdu go l-ghorfa tieghu jaghgen it-tafal u jaghmel pasturi mill-aktar helwin li meta miet hu tajniehom lis-sorijiet.  Zgur li rajtuh xi darba l-presepju kbir li jarmaw is-sorijiet ta' l-istitut. Ommi kienet mietet fil-lejl tal-Milied u jien bqajt sal-lum iddispjacuta li ma rajthiex.  Gejna lura Malta xi sena wara.  Imma wara l-mewt t'ommi misieri ma baqax li kien.  Mohhu beda jehfief u kien spiss jhewden u jsemmi lit-tfajjel helu li kien imur jarahom fil-lejl tal-Milied.  Kien joqghod jghidilna kemm kienu jifirhu bih, meta hargu mieghu jghannu fit-triqat u kemm kien ihobb il-kaghak ta' l-ghasel u l-ixkumvat.  Kull meta joqrob il-Milied kien itennilha: "Mi jaf dis-sena jergax jigi? Min jaf?"

LELI Mort inzurhom ghal tliet Milidijiet wara xulxin.  Ma kontx naf min kienu. Imma hi, qabel ma mietet donnha gharfitni.

NANNA U din hija l-ahhar ittra li rcevejt minghand ommi… li kitbithieli hija u tmut.

LELI L-ittar li ktibtilha jiena.

NANNA Harsu: din l-ittra t'ommi u dan pitazz ta' l-iskola ta' LELI. Araw hix l-istess kallgrafija.

TABIB *(jiehu l-ittra u l-pitaz f'idu)* Ma jistax ikun! Imma tassew… l-istess kalligrafija.

ZIJU Imma allura x'gara? Ma nistax nifhem.

***Ihabbat il-bieb.***

ZIJU Nahseb waslu. *(iqum)* Ghaddu… ghaddu.

***Jidhlu Sor Amelja u LIZA. Kulhadd jifrah bihom. Iz-ZIJA Mari tersaq tigri lejn LIZA.***

ZIJU Jien hadt ftit il-ligi f'idejja u stedint lil LIZA u lil Sor Amelja jigu ghall-ikel maghna. Ghandna sorpriza ghalihom.

***LELI jqum jigri u jersaq lejn LIZA.***

LELI Int? Int BETTI?

LIZA Int LELI hux tassew? Jiena LIZA. *(taqla' l-katina minn m'ghonqha)* Tiftakarha din?

LELI Iva, dik il-katina li kelli m'ghonqi. Hawn ara, fiha l-ittra ta' ismi: "E" – Emmanuel.

LIZA Dik kelli wahda bhala… jew l-istess wahda. Ma nafx. L-unika tifkira t'ommi. Ukoll fiha l-ittra "E" ta' ismi: Elizabeth. Tliftha snin ilu. Imma dal-lejl hlomt li l-pasturi qed ikellmuni. Qaluli: "Mur fittixha fil-maxtura tal-Bambin u meta ssibha mur uriha lil LELI!"

LELI Il-katina li jien tajt lil BETTI. *(ihares cass f'ghajnjen LIZA).* BETTI… l-istess ghajnejn. L-istess tbissima.

ZIJU Issa hu x'inhu… LIZA jew BETTI ma jimpurtax. Issa LIZA se ssir kugintek.

Kulhadd X'inhu ??!!

SORU

Iva, ga tkellimna mal-Madre u qed illestu l-karti li hemm bzonn. Iz-ziju MIKIEL u z-zija Mari se jadottaw lil LIZA. Hux tassew Liz?

NANNA

Uliedi, dan kollu jurina haga wahda. Il-messagg li baghtitilna ommi minn fuq is-sodda tal-mewt jghodd ghalina lkoll; forsi ghalija l-aktar wahda minnkom. Kont jien li bil-bluha tieghi nehhejt minn go nofskom l-ispirt tal-Milied. Kont jien li waddabt il-htija ta' dak kollu li gralna fl-imghoddi, fuq dan l-isbah zmien tas-sena. Imma ommi kienet taf minn qabel bil-bluha li kont se nwettaq u permezz ta' LELI baghtitlna kelma ta' farag. ***Ninnu u la tibku izjed.*** Bkejkna wisq dmugh bla sens uliedi. Illum se nieqfu. Nixxuttaw id-dmugh kollu u nitwieldu mill-gdid biex il-Milied jerga' jkun ghalina zmien ta' ferh. Anki jien, fi xjuhiti, irrid nerga' nitwieled. Il-Milied se jibda jkun ghalina zmien ta' ferh u hena, l-istess bhalma kien ghat-twajba ommi Mananni u ghal Rozu, missieri. U jekk il-Bambin jislifni l-ghomor sena ohra nergghu niltaqghu madwar din il-mejda u jien illestilkom l-ixkumvat!

**-------------- TMIEM ------------------------**